TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Margaret Guenther

Vs

Frankie Vassallo – Showtiles and more

CCT 76/21/MM

Illum, 9 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-14 ta' Mejju 2021 fejn talbet s-somma ta' elfejn, tmien mija u tmienja u sittin Ewro (€ 2,868), rappreżentanti l-valur ta' madum mixtri minghand l-intimat fejn allegatament ma huwiex tal-kwalita' pattwita skont is-*sample* li minn fuqu ordnat ir-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-intimat fejn cahad li kien hemm differenza fil-madum minn dak ikkonsenjat ghal dak ordnat u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti ordnat madum minghand ir-rikorrenti fejn hija tishaq li dna ma kienx l-istess madum tas-*sample* li hija ordnat minn fuqu.

Min-naha l-ohra l-intimat jinsiti li l-madum huwa identiku ghal dik li ordnat ir-rikorrenti u ta' dan huwa igib konferma minghand is-supplier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-partijiet jaghtu verzjoni konfliggenti ghall-ahhar madanakollu iz-zewg partijiet taw spjegazzjoni konvincenti li fl-opinjoni taghhom ghandha mis-sewwa.

Mill-provi jirrizulta li l-maduma li gabet ir-rikorrenti ma hijiex dik li ordnat. Il-prova dokumentarja ossia ix-xhieda li ngabet mill-konvenut minghand is-supplier hija irrelevanti stante li mhijiex mahlufa quddiem dan it-Tribunal u krucjalment is-supplier qatt ma jistgha jikkonferma finalement x'prodott gie konsenjat ghand ir-rikorrenti la darba ma kienx hu id-delivery person li wassal l-ordni ghand ir-rikorrenti.

Illi l-ahjar prova f'dan il-kaz kien ikun ix-xhieda ta' espert li jmur fuq il-post fejn jezamina l-kaxxi tal-madum u jirrelata, prova li hadd ma talab minkejja li kienet iktar fl-interess tal-konvenut stante li kien hu li gie affacjat bi prova tangibbli, ossia maduma li hu qieghed jallega li ma kienetx dik li kkonsenja hu u cioe indirettament qieghed jghid li r-rikorrenti qeghda tipprova tiffrodah.

It-Tribunal jistgha biss jistrieh fuq il-provi li ghandu quddiemu u fic-cirkostanzi ma jarax ghalfejn ghandu jiddubita lir-rikorrenti meta l-konvenut kellu kull opportunita' jiddefendi b'mod konklussiv l-allegat frodi fil-konfront tieghu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqgħa t-talba tar-rikorrenti, u jikkundanna lill-intimat jirrifondi lura lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 2,868 fi zmien gimghatejn mis-sentenza filwaqt li r-rikkorenti ghandha tikkonsenja lura l-madum in kwistjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru